TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT121/16/S

Duncan Busuttil u Doriselle Busuttil
vs
Bajada New Energy Ltd

Illum, 14 ta'Marżu,2019.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat nhar it-13 ta'ġunju,2016;
Ra r-Risposta tal-soċjeta intimata ppreżentata fil-21 t'Ottubru,2016;

Ra s-sottomissjonijiet kollha li saru u d-dokumentazzjoni kollha li ġiet ippreżentata;

Sema' lix-xhieda li tressqu u t-trattazzjoni finali li saret fis-seduta tal-24 ta'Jannar,2019.

Ikkunsidra:

Illi skont l-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu l-ammont ta' €970.00 *stante* xogħol li ma sarx sew meta 'inverter' tal-pannelli fotovoltajiċi ma kienx issettjat kif suppost;

Illi s-soċjeta intimata kkonfermat li bidlet l-'inverter' minghajr ebda dewmien pero sostniet li hi ma kelliex mod kif tivverifika l-funzjoni tas-sistema wara l-istallazzjoni;

Illi fix-xhieda tiegħu, Duncan Busuttil spjega li huwa kien jivverifika l-'meter' u l-konsum kull ġimgha jew kull ħmistax-il jum u li kien induna biss meta irċieva l-kont tad-dawl wara ħafna żmien. L-intimat Mark Bajada spjega li fuq il-'meter' jidher jekk is-sistema tkun qed tiġġenera ftit enerġija u skont hu, is-sistema kienet mitfija u allura xejn ma jkun qed jiġi ġġenerat;

Illi jidher li s-sistema bdiet taħdem pero ghal xi raġuni kien hemm ħsara;

Illi s-soċjeta intimata bidlet l-'inverter' mal-ewwel u ma kelliex il-possibilita li tkun taf li sistema ma tkunx qed tiġġenera enerġija jew li qed tiġġenera ftit;

Illi dan setgħu ikunu jafuħ ir-rikorrenti biss li kieku kien qed isir 'monitoring' regolari tas-sistema;

Illi r-rikorrenti indunaw biss meta irċevew il-kont tad-dawl wara li kienu damu biex jirċevuħ. Dan jikkonferma dak li ġja intqal;

Illi anki x-xhud Paolo Casagrande kkonferma li jekk jinħaraq 'inverter', il-'monitor' ikun mitfi u allura tkun taf li s-sistema mhijiex qed tiġġenera enerġija. Dan ix-xhud pero ma kkonfermax dak allegat mir-rikorrenti li hu kien qalilhom li s-'settings' ma ġewx issettjati;

Illi għalhekk, it-Tribunal huwa sodisfatt li t-talba tar-rikorrenti ma timmeritax li tiġi milqugħa;

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li ħa konjiżżjoni taċ-ċirkostanżi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċeżżjonijiet tas-soċjeta intimata.
It-Tribunal jordna li kull parti tħallas l-ispejjeż relattivi tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru